# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-24 ta' Marzu 2022**

**Rikors Numru : 55/2022 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**TV**

**U**

**CV**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt u guramentat ta' TV detentriċi tal-karta tal-identita numru 559189(M) u CV detentur tal-karta tal-identita numru 387687(M), datat 28 ta' Jannar 2022 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti iżżewġu fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) fil-Kappella ta' Sant'Anna fiz-Zebbiegh, l-Imgarr, Malta (Ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dokument 'A').*

2. *Illi il-partijiet huma l-genituri ta' SV, li twieldet f'X, u li llum ghandha Y-il sena. Skond kif jidher mil-'Addenda' fuq l-Att taz-Zwieg (gja anness bhala Dok A), l-partijiet ddikjaraw fuq l-istess att, li ai termini tal-artikoli 101 u 102 tal-Kodici Civili, SV mwielda nhar X, bl-att tat-twelid numru Z, hija wild l-partijiet u ghalhekk l-istess partijiet rrikonoxxewha ghal kull finijiet u effetti tal-ligi, filwaqt*

*li ddikjaraw li din ghandha wkoll tiehu l-kunjom 'V'.*

3. *Illi l-partijiet effetwaw is-Separazzjoni Personali permezz ta' kuntratt ta' Separazzjoni Personali fl-atti tan-Nutar Dr. Jonathan Zammit li ġie ffirmat nhar l-għaxra (10) ta' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019), vera kopja ta' liema qegħdha tiġi hawn anness bħala Dokument 'B'.*

4. *Illi fil-kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet kienu reċiprokament u rrevokabbilment irrinzunjaw għad-dritt li jitolbu u/jew jirċievu manteniment mingħand xulxin, filwaqt li l-missier qiegħed jivversa favur l-omm manteniment għal minuri, skond l-kuntratt ta' Separazzjoni u ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti.*

5. *Illi għaddew ferm aktar minn sena (1) mis-sentejn (2) preċendenti għall-intavolar ta' dan ir-rikors, illi fihom l-partijiet ilhom jgħixu separatament minn xulxin, ai termini tal-artikolu 66B(a) tal-Kodiċi Ċivili, u ma hemm ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.*

6. *Illi għalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-liġi għall-ħall taż-żwieg u għad-divorzju tal-partijiet.*

*Għaldaqstant l-esponenti, TV u CV, qegħdin konguntament jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*(1) tiddikjara li ż-żwieġ tagħhom bħala maħlul, u li l-partijiet huma divorzjati għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;*

*(2) tordna għaldaqstant lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku skont il-liġi;*

*u dan kollu taħt kull provvediment xieraq u opportun li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet datata 18 ta' Marzu 2022 li permezz taghha il-partijiet stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

**TV xehdet** (vide affidavit fol 4) illi l-kontendenti zzewgu nhar is- 27 ta' April 2013 u li minn dan ir-relazzjoni twieldet tifla, li ghadha minorenni. Sostnet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 10 ta' Gunju 2019 fl-atti tan-Nutar Dr Jonathan Zammit. Iddikjarat illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Di piu' ikkonfermat illi ma hemm ebda manteniment dovut.

**CV xehed** (vide affidavit fol 5) u kkonferma u kkorrabora dak li xehdet TV.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-27 ta' April 2013, liema zwieg jgib certifikat numru 725/2013 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 6). Minn din ir-relazzjoni twieldet tifla, llum ghadha minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Jonathan Zammit nhar l-10 ta' Gunju 2019 (vide kuntratt ta' separazzjoni, fol 9 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 725/2013 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**